MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Talba Numru. 98/2009

**Andre Magro (ID- 296573-M),**
**Carmel Magro (ID-100948-M),**
**Mario Magro (ID-341052-M),**
**John Magro (ID-75354-M) u**
**Paul Magro (ID-163258-M)**
**ezercenti n-negozju**
**Firm Michael Magro**

**vs**

**Kenneth Piscopo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta` Frar, 2009, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ Euro856.55c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali dekorribbli mis-17 ta` Mejju, 2004 data ta` l-ahhar konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta ta` l-20 ta` Marzu, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro856.55c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-17 ta` Mejju, 2004 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------